MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 540/2006

**Isabelle Debattista**

**vs**
**Carmel Attard (karta ta' l-identita` numru 267868)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta' Gunju, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti kienet involuta f'incident awtomobilistiku fi Triq Sant'Andrija, San Giljan, fis-17 ta' Gunju, 2004, meta kienet wieqfa fil-vettura taghha bin-numru MIR – 006 tistenna t-*traffic lights* jinqalbu, l-intimat Attard, li kien qed isuq il-vettura bin-numru DBB – 914 dahal fiha u kkagunalha hsarat fil-vettura taghha kif jirrizulta mir-rapport relattiv ta l-incident, (ara fol 3);

1.2 Illi ghal dan l-incident jahti unikament l-intimat Attard minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

1.3 Illi kagun ta’ dan l-incident ir-rikorrenti sofriet griehi ta’ natura gravi li kkawzawlha dizabilita` permanenti kif debitament certifikat, (ara fol 7 *et sequitur*);

1.4 Illi ghalhekk ir-rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jwiegeb u jghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1.4.1. Tiddikjara li l-intimat Attard kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku *de quo*, u dan, minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

1.4.2. Tiddikjara, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta’ periti nominandi mahtura ghal dan l-iskop, illi r-rikorrenti sofriet griehi ta’ natura permanenti;

1.4.3. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta’ periti nominandi mahtura ghal dan l-iskop, id-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident *de quo*;

1.4.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti hekk likwidati;

1.4.5. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-17 ta’ Novembru, 2006, li permezz taghha l-intimat wiegeb sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi l-intimat jaccetta ir-responsabbilita` tal-incident in dizamina, (ara fol 23 u 254);

2.2. Illi l-incident sehh minhabba malfunzjonament fil-*breaks*;

2.3. Illi mhux minnu li l-iskontru awtomobilistiku *de quo* ikkawza griehi ta’ natura gravi u permanenti lir-rikorrenti;

2.4. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas ta’ danni ghal dawn il-griehi ghandha tigi michuda;

2.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-17 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju u espert mediku, (ara fol 86), wara disgha differimenti mis-17 t’April, 2007, biex il-kontendenti jittransiegu, (ara fol 29, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 84, u 85);

4. Tirrileva li nonostante dak indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta li gie wkoll sussegwentement verbalizzat fl-udjenza tas-16 ta’ Marzu, 2010, li l-kontendenti kienu ghadhom qed jittentaw transazzjoni, (ara fol 88), ghalkemm l-assistent gudizzjarju kien qieghed jisma’ l-provi;

5. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat it-12 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament fil-pussess tal-assistent gudizzjarju jigi depozitat fl-atti ta’ din il-procedura, (ara fol 91);

6. Rat in-nota tar-Registratur koncernat datata t-2 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha annetta l-inkartament relattiv indikat fil-paragrafu precedenti fl-atti ta’ din il-procedura, (ara fol 93);

7. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 256), liema modalita` regghet giet riformulata fuq talba tal-istess permezz tad-digriet sussegwenti datat is-6 ta’ Gunju, 2012, (ara fol 264);

8. Illi nonostante z-zewg possibilitajiet koncessi lill-kontendenti biex jipprezentaw is-sottomissjonijiet skritti taghhom, fuq talba tal-istess, regghu inghataw

opportunita` ohra ghal dan, (ara fol 265) fil-modalita` hemm indikata;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi l-affidavidijiet prodotti;

10.Ezaminat l-inkartament tal-assistent gudizzjarju fuq riferit, (ara paragrafu numru sitta (6), aktar qabel);
11.Rat in-noti rispettivi tal-kontendenti datati t-12 ta' Frar u l-21 ta' Gunju, 2013, (ara fol 268 u 272);

12.Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

13.0. Illi l-fatti tal-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

13.1. Illi waqt li r-rikorrenti kienet wieqfa wara vann bil-vettura taghha tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni MIR – 006, tistenna t-*traffic lights* ta' Triq Sant'Andrija, San Giljan, jinqalbu, l-intimat, li kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota Carina bin-numru ta' registrazzjoni DBB – 914, baqa' diehel fiha;

13.2. Illi l-intimat Attard mill-ewwel assuma responsabbilita` ghall-incident *de quo* u jsostni li dan irrizulta ghaliex marrulu l-brejkijiet, (ara fol 24);

Ikkunsidrat:

14. Illi ghalhekk, epurata l-kwistjoni tar-responsabbilita` ghall-incident, il-vertenza in dizamina allura tiffoka fuq id-danni rikjamati mir-rikorrenti;

15. 0. Illi d-danni hekk rikjamati mir-rikorrenti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

15.1. **Damnum Emergens**:

15.1.1. Illi rizultat tal-incident *de quo* ir-rikorrenti ssostni li bejn it-18 ta' Gunju, 2004 u l-31 ta' Dicembru, 2009, inkorriet fi spejjez ammontanti ghal hdax –il elf, seba' mija u dsatax –il Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€11,719.94);

15.1.2. Illi *di piu`*, kien hemm mitejn u hamsin Ewro, (€250.00), spejjez addizzjonali fil-bidu tal-2010;

15.1.3. Illi in oltre, hemm ukoll spejjez rigwardanti fizjoterapija, medicina u modifika tal-karozza;
15.1.4. Illi dawn l-ispejjez indikati fit-tlett (3) paragrafi precedenti komplessivament jammontaw ghal tlettax –il elf u hames mitt Ewro, (€13,500.00);

15.1.5. Illi kagun tal-istess incident ir-rikorrenti kienet tigi ikkurata fi klinika Amerikana stante li l-kundizzjoni taghha hi wahda permanenti u degenerattiva, u ghalhekk maz-zmien ir-rikorrenti tmur ghall-aghar;

15.1.6. Illi konsegwenza tal-incident in dizamina ir-rikorrenti hi kostretta tattendi ghall-fizjoterapija darbtejn (2) fil-gimgha ghal spiza annwali ta' elfejn, tlett mija u erbghin Ewro, (€2,340.00), kif dokumentata;

15.1.7. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti ssostni li b'*multiplyer* t'ghoxrin (20) sena ghandha tithallas l-ammont ta' sitta u erbghin elf u tmien mitt Ewro, (€46,800.00), ghal din il-fizjoterapija;

15.1.8. Illi minhabba li r-rikorrenti sofriet ukoll debilita` permanenti, jirrizulta li ghandha bzonn ghajnuna d-dar fejn tinkorri spiza ta' tlett mitt Ewro, (€300.00), fix-xahar liema spiza b'*multiplyer* t'ghoxrin (20) sena tammonta ghal tnejn u sebghin elf Ewro, (€72,000.00);

15.1.9. Illi ghaldaqstant, skont ir-rikorrenti l-ammont minnha pretiz taht dan il-kap jammonta komplessivament ghal mija u tnejn u tletin elf u tlett mitt Ewro, (€132,300.00), li maghha ghandha tizdied percentwali in konsiderazzjoni ghall-oghli tal-hajja;

15.2. **Lucrum Cessans**:

15.2.1. Illi fiz-zmien tal-incident ir-rikorrenti kienet tippercepixxi dhul approssimattiv ta' hmistax –il elf Ewro, (€15,000.00), annwi;

15.2.2. Illi skont l-espert mediku *ex parte* ir-rikorrenti sofriet debilita` permanenti ta' tmienja (8) fil-mija, waqt li espert tal-qorti stabbilixxa dan f'sitta (6) fil-mija;

15.2.3. Illi *di piu`* d-debilita` *de quo* li sofriet ir-rikorrenti hi wahda ta' natura degenerattiva;

15.2.4. Illi fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kellha erba' u erbghin (44) sena;

15.2.5. Illi b'*multiplyer* t'ghoxrin (20) sena ir-rikorrenti hi ghalhekk dovuta erbgha u ghoxrin elf Ewro, (€24,000.00), taht dan il-kap;

15.3. **Danni Ezistenzjali**:

15.3.1. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti qed titlob ukoll l-oghti ta' danni morali stante:

15.3.1.i. Illi l-incident sehh disgha (9) snin ilu;

15.3.1.ii. Illi r-rikorrenti hi nanna u thossha limitata fir-relazzjoni taghha minhabba l-istess incident;

Ikkunsidrat:

16.0**. Damnum Emergens**:

16.1. Illi mid-danni rikjamati mir-rikorrenti l-intimat ihoss li fost dawk li jirrizultaw legittimi, hemm ukoll talbiet li huma ezagerati u inkredibbli fosthom:

16.1.1. Titjiriet u akkomodazzjoni;

16.1.2. Kiri ta' vettura u uzu ta' taxi;

16.1.3. Talba rigward il-modifikazzjoni fil-vettura;

16.2. Illi t-talbiet elenkati fil-paragrafu precedenti komplessivament jammontaw ghal ghoxrin elf, tmien mija u tnax –il Ewro, (€20,812.00);

16.3. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv mitlub mir-rikorrenti taht dan il-kap jirrizulta li jmur lil hemm mir-*restitutio in intergnum* u hu wiehed irragonevoli;

16.4.Illi rizultat tas-suespost l-ammont komplessiv taht dan il-kap ghandu jkun ta' dsatax –il elf, disa' mija u tmien Ewro, (€19,908.00);

17.0. **Lucrum Cessans**:

17.1. Illi l-qrati jistabilixxu dan il-kap fid-dawl ta' *Butler vs Heard*;

17.2. Illi s-sentenza indikata fil-paragrafu precedneti stabbiliet li biex jigi stabbilit dan il-kap ghandhom jittiehdu dawn il-fatturi fil-konsiderazzjonijiet kurjali:

17.2.1. L-eta' ta' min iwegga';

17.2.2. Il-grad ta' dizabilita;

17.2.3. L-eta' tal-irtirar – il-*multiplyer*;

17.2.4. Il-paga/salarju ta' min iwegga';

17.3. Illi fil-kaz odjern il-grad ta' dizabilita` hu incert u jifflattwa bejn tmienja fil-mija (8%), (ara fol 184), u hamsa fil-mija (5%), (ara fol 261);

17.4. Illi rigward il-*multiplyer* l-intimat isostni li dan ghandu jkun ta' erbatax –il sena, u dan, fuq l-iskorta tas-sentenzi kopjuzi minnu abbilment citati, (ara fol 274);

17.5. Illi *di piu`*, ghandu wkoll jittiehed in dizamina l-oghli tal-hajja li bil-kalkoli kif esposti mill-intimat dan iwassal ghall-ammont finali ta’ tlettax –il elf, tmien mija u disgha u sittin Ewro u wiehed u tletin centezmu, (€13,869.31);

17.6. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jitnaqqas bi tnejn fil-mija, (2%), bhala *lump sum reduction* u ghalhekk dan il-kap ghandu jammonta ghal tlettax –il elf, hames mija u tnejn u disghin Ewro, (€13,592.00);

18. Illi ghalhekk it-total dovut lir-rikorrenti ghandu jkun komplessivament ammontanti ghal tlieta u tletin elf u hames mitt Ewro, (€33,500.00);

Ikkunsidrat:

19. Illi hu minnu li l-percentwal ta’ dizabilita` hu wiehed fluttwanti kif fuq indikat, (ara paragrafu sbatax punt tlieta, (17.3), aktar qabel);

20. Illi pero`, il-vertenza in dizamina tillimita ruhha l-aktar fid-determinazzjoni tal-utilita` vera, attwali u indispensabbli tal-kura tar-rikorrenti minnha mehuda barra minn Malta, senjatament l-Amerika;

21. Illi kif issostni r-rikorrenti l-incident in dizamina effettwa bi kbir u negattivament il-hajja attiva taghha;

22. Illi s-sulljiev mill-ugiegh riskontrat wara s-sessjonijiet ta’ terapija fl-isptar Malta kien wiehed temporanju u kien biss wara li r-rikorrenti marret l-Amerika li kien gie kkonfermat li kellha hsara fl-ispina cerikali (ara fol 141);

23. Illi ghalhekk jidher li l-kura mehuda mir-rikorrenti l-Amerika ma tirrizultax li kienet kapriccuza jew ezagerata;

24. Illi rigward l-analizi tal-intimat kif minnu espost fin-nota ta’ sottomissjonjiet tieghu jirrizulta li hu wiehed ezageratament konservattiv u tenut kont li r-rikorrenti ipprovat l-*iter* kollu tal-ammonti minnha komplessivament mitluba, qieghda tiskarta l-istess analizi tal-intimat u konsegwentement tirrigettah;

25. Illi *di piu`*, stante li hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat it-talbiet partikolarizzati taghha rigwardanti kemm il-kap koncernanti d-*damnum emergens*, kif ukoll dak koncernanti il-*lucrum cessans*, din il-qorti qed takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward;

**DECIDE:**

26.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti allura tirrespingi r-risposti tal-intimat u takkolji t-talbiet riferiti fil-paragrafu precedenti tar-rikorrenti u konsegwentement:

26.1. In vista tal-ammissjoni tal-intimat Carmel Attard, tiddikjara li hu kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in dizamina li sehh fis-17 ta’ Gunju, 2004, fi Triq Sant’Andrija, San Giljan, meta baqa’ diehel, bil-vettura tieghu numru DBB – 914 fuq il-vettura stazzjonarja tar-rikorrenti numru MIR – 006 b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

26.2. Tiddikjara wkoll li rizultat tal-istess ir-rikorrenti sofriet griehi ta’ natura permanenti;

26.3. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ mija u sitta u hamsin elf u tlett mitt Ewro, (€156,300.00);

26.4. Tikkundanna lill-intimat Carmel Attard biex ihallas lir-rikorrenti Isabelle Debattista l-ammont komplessiv likwidat fil-paragrafu precedenti;

26.5. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha kontra l-istess imsemmi intimat.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------